KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.12.2006
KUMM(2006) 862 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## Ħames snin ta' karti tal-flus u muniti ta' l-euro

{SEG(2006) 1786}

MT MT

## 1. INTRODUZZJONI

L-euro ġie introdott bħala l-munità waħdanija ta' ħdax-il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 1999, u warajhom tal-Greċja fl-1 ta' Jannar 2001. Sa ċertu punt, dan l-avveniment ewlieni ma ġiex innutat fil-ħajja ta' kuljum peress li l-konsumaturi fit-tnax-il Stat Membru kkonċernati baqgħu jużaw il-karti tal-flus u l-muniti nazzjonali fit-transazzjonijiet ta' pagamenti. Sa tmiem l-2001, l-euro seta' jintuża biss fil-forma miktuba tiegħu, pereżempju, ċekkijiet u trasferimenti tal-bank f'euro, għalkemm għall-bidu ftit sar użu minn din il-possibbiltà.

Mill-1 ta' Jannar 2002, iddaħħlu fiċ-ċirkolazzjoni l-karti tal-flus u l-muniti ta' l-euro, u l-euro sar realtà tanġibbli għal iktar minn 300 miljun resident taż-żona ta' l-euro, li kollettivament kull sena jwettqu madwar 300 biljun transazzjoni ta' pagamenti għax-xiri, u iktar minn 80 % minnhom jitħallsu fi flus kontanti. Wara bidla bla problemi u organizzata sew, il-bilanċ tal-valur totali tal-karti tal-flus kważi trippla (minn 221 biljun euro f'Jannar 2002 għal 595 biljun euro fi tmiem is-sena 2006), filwaqt illi għall-muniti dan żdied b'mod iktar moderat (minn 13.0 biljun euro fl-1 ta' Jannar 2002 għal 17.6 biljun euro).[1]

Għaċ-ċittadini fil-pajjiżi jew fir-reġjuni ġirien, b'mod notevoli fejn l-euro huwa użat għat-transazzjonijiet ta' pagamenti u/jew għal skopijiet ta' tifdil, kif ukoll f'ħafna destinazzjonijiet turistiċi madwar id-dinja, il-munita waħdanija wkoll saret waħda familjari. L-istimi mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jindikaw li bejn 10 u 20 % tal-valur totali tal-karti tal-flus ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni attwalment jinsab miżmum barra ż-żona ta' l-euro.

Il-flus kontanti f'euro ġew aċċettati sew fit-tnax-il pajjiż taż-żona ta' l-euro meta jitqies il-fatt li l-popolazzjoni mhux biss kellha taġġusta għas-sett il-ġdid ta' karti tal-flus u muniti ta' l-euro li kellhom tipikament struttura differenti ta' denominazzjoni mill-valuta legali ta' qabel, iżda wkoll għall-iskala l-ġdida ta' prezzijiet u valuri.

Il-Komunikazzjoni preżenti hija akkumpanjata minn Dokument ta' Ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni, li jipprovdi informazzjoni iktar dettaljata dwar il-kwistjonijiet ewlenin li tqajjmu f'din il-Komunikazzjoni.

## 2. IR-RWOL TA' L-INFORMAZZJONI JIBQA' KRUĊJALI

Skond informazzjoni misluta minn stħarriġ[2] li ġabret il-Kummissjoni, għad hemm nuqqas ta' informazzjoni speċifika dwar l-euro f'ċerti oqsma. F'oqsma oħra, għad hemm firxa ta' xi perċezzjonijiet żbaljati. Dan jitfa' l-attenzjoni fuq il-ħtieġa għal sforzi mġedda sabiex il-pubbliku ġenerali fl-UE jkun infurmat dwar l-euro.

---

1 Ibbażati fuq il-figuri mill-Bank Ċentrali Ewropew. L-aħħar figuri jirreferu għal Ottubru 2006.

2 Ara l-*Flash Eurobarometer 193*, 'The euro zone, 5 years after the introduction of the common European currency' (Iż-żona ta' l-euro, ħames snin mill-introduzzjoni tal-muniti Ewropea komuni), li twettaq f'Settembru 2006 u l-*Flash Eurobarometer 191*, 'Introduction of the euro in the new Member States' (L-introduzzjoni ta' l-euro fl-Istati Membri l-ġodda), li twettaq f'Settembru 2006.

*In-nuqqas ta' għarfien dwar ċerti benefiċċji ta' l-euro*

Uħud mill-vantaġġi speċifiċi ta' l-euro huma injorati minn maġġoranza ta' ċittadini fiż-żona ta' l-euro. Pereżempju, madwar kwart jew inqas miċ-ċittadini taż-żona ta' l-euro (23 %) biss huwa konxju mill-fatt li m'hemm l-ebda spejjeż jew ħlasijiet żejda meta wieħed jiġbed il-flus permezz ta' kard tal-bank f'pajjiż ieħor taż-żona ta' l-euro jew meta jħallas b'kard tal-bank (27 %) jew meta jwettaq trasferiment (16 %) fi ħdan iż-żona ta' l-euro.

Il-ħtieġa għall-informazzjoni hija saħansitra ogħla fl-Istati Membri l-ġodda, li kollha se jidħlu fiż-żona ta' l-euro fil-ġejjieni u fejn il-maġġoranza tan-nies tqis lilha nnifisha bħala infurmata ħażin. Fl-istess ħin, ir-riżultati ta' l-istħarriġ juru b'mod konsistenti li ċ-ċittadini li huma infurmati ħażin għandhom tendenza jkunu mbeżżgħa u inqas ħerqana dwar l-introduzzjoni futura ta' l-euro.

*Il-perċezzjonijiet żbaljati persistenti*

F'oqsma oħra, jippersistu ċerti perċezzjonijiet żbaljati. Pereżempju, maġġoranza kbira (93 %) ta' dawk li wieġbu fiż-żona ta' l-euro temmen li l-euro kkontribwixxa fiż-żieda tal-prezzijiet. Din l-opinjoni żbaljata xterdet f'dawk il-pajjiżi li se jidħlu fiż-żona ta' l-euro fil-ġejjieni hekk kif medja ta' 45 % ta' dawk li wieġbu fl-għaxar Stati Membri li ngħaqdu ma' l-UE dan l-aħħar temmen li l-introduzzjoni futura ta' l-euro f'pajjiżha se twassal għal inflazzjoni ogħla. Dan imur kontra r-reġistrazzjonijiet tal-BĊE, peress li l-inflazzjoni annwali fiż-żona ta' l-euro ilha taħt it-2.4 % mill-introduzzjoni ta' l-euro fl-1999.

*Il-wiri doppju ta' prezzijiet jista' jkun kontroproduttiv*

L-informazzjoni ta' l-istess stħarriġ turi żvilupp kontinwu, għalkemm pjuttost fit-tul, biex wieħed jibda' jaħseb f'termini ta' l-euro. Għal xiri komuni ta' kuljum, maġġoranza kbira (57 %) tal-popolazzjoni fiż-żona ta' l-euro tikkalkula f'euro, filwaqt illi wieħed fuq kull ħamsa għadu jgħodd fil-munita nazzjonali ta' qabel. Għal xiri eċċezzjonali ta' valur għoli, bħalma hi karozza jew dar, iktar persuni għadhom jikkalkulaw fil-munita nazzjonali preċedenti (40 % bħala medja) meta mqabbla ma' 29 % biss li jaħsbu f'euro.

Wara ħames snin ta' adattazzjoni mentali għall-euro, il-Kummissjoni tista' biss tirrepeti r-rakkomandazzjoni tagħha ta' qabel[3] li kwalunkwe prattika ta' wiri doppju tal-prezzijiet li jkun għad fadal fiż-żona ta' l-euro (minbarra għas-Slovenja) għandha titwaqqaf kemm jista' jkun malajr. Il-wiri doppju tal-prezzijiet jassisti lill-konsumaturi fl-istadji bikrin tal-bidla, iżda jsir kontroproduttiv f'ċertu stadju peress li jippermetti li l-konsumaturi jibqgħu jikkalkulaw fil-munita nazzjonali, b'hekk idewwem il-bidla mentali għall-iskala l-ġdida ta' prezzijiet u valuri.

## 3. Il-karti tal-flus u l-muniti ta' l-Euro – Perspettivi futuri

### 3.1. Il-qafas ġenerali

Kemm il-karti tal-flus kif ukoll il-muniti ta' l-euro huma valuta legali fil-pajjiżi kollha taż-żona ta' l-euro. Ir-responsabbiltà għall-produzzjoni u l-ħruġ tal-karti tal-flus ta' l-euro tappartjeni b'mod esklussiv lill-BĊE. It-Trattat tal-KE jipprevedi qafas differenti għall-muniti

[3] Ara COM(2002) 747 finali tad-19.12.2002: 'L-introduzzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti ta' l-euro – sena wara'.

ta' l-euro peress li huma l-Istati Membri, iktar milli l-BĊE, li huma responsabbli għall-produzzjoni u l-ħruġ tal-muniti ta' l-euro, u dan il-fatt jispjega għaliex il-muniti ta' l-euro għandhom fuqhom karatteristiċi nazzjonali. Il-banek ċentrali nazzjonali taż-żona ta' l-euro jiċċirkolaw kemm il-karti tal-flus kif ukoll il-muniti ta' l-euro.

Il-produzzjoni tal-muniti ta' l-euro tiġi deċiża u organizzata fuq bażi nazzjonali, u taqa' tipikament taħt ir-responsabbiltà taz-zekka nazzjonali ta' kull pajjiż, minbarra għall-pajjiżi li m'għandhomx zekka u li jikkummissjonaw il-produzzjoni tal-muniti lil produtturi oħra.

Id-differenzi bejn il-karti tal-flus u l-muniti ta' l-euro jestendu wkoll għad-dħul monetarju li joħroġ mill-ħruġ tal-flus ta' l-euro (ara 3.5 hawn taħt), li jinġabru mill-Eurosistema fil-każ tal-karti tal-flus ta' l-euro u mill-Istati Membri fil-każ tal-muniti.

## 3.2. Il-karti tal-flus u l-muniti ta' l-euro tal-ġejjieni – aġġustamenti futuri u titjib possibbli

Il-karti tal-flus u l-muniti ta' l-euro huma l-prodott ta' tiftix għal titjib kontinwu, b'mod notevoli, f'termini ta' kwalità, affidabilità u faċilità fl-użu. L-għadd ta' karti tal-flus u muniti ta' l-euro iffalsifikati li ġew misjuba huwa baxx ħafna meta mqabbel ma' l-għadd fiċ-ċirkolazzjoni, u żgur iktar baxx minn dak tal-karti tal-flus tad-dollaru Amerikan.

*Il-karti tal-flus ta' l-euro*

Fejn huma kkonċernati l-karti tal-flus ta' l-euro, il-BĊE beda jħejji s-serje li jmiss ta' karti tal-flus ftit wara l-introduzzjoni tal-flus ta' l-euro f'kontanti fiċ-ċirkolazzjoni, b'mod notevoli sabiex jiżgura, b'mod kontinwu, karatteristiċi avvanzati ta' sigurtà biex il-karti tal-flus dejjem joffru protezzjoni tajba kontra l-iffalsifikar. Hu mistenni li l-ewwel denominazzjoni tas-serje l-ġdida tal-karti tal-flus se toħroġ lejn tmiem id-deċennju preżenti u warajha se joħorġu denominazzjonijiet oħra f'intervalli partikolari.

*Il-muniti ta' l-euro – l-uċuħ nazzjonali*

Sabiex tkun żgurata l-koerenza fis-sistema tal-muniti ta' l-euro, fl-2003 l-Kunsill iddeċieda li n-naħa nazzjonali standard tal-muniti ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni m'għandhiex tinbidel ('moratorium') sa l-aħħar ta' l-2008[4]. Madankollu, l-Istati Membri ngħataw permess joħorġu żewġ muniti ta' l-euro kommemorattivi sabiex jiċċelebraw avvenimenti speċifiċi bil-kundizzjoni li japplikaw ċerti restrizzjonijiet fuq il-kwantità u l-frekwenza. Tali muniti kommemorattivi huma muniti fiċ-ċirkolazzjoni regolari biss dawn ikollhom naħa nazzjonali differenti li tiċċelebra avveniment partikolari. L-Istati Membri jistgħu joħorġu wkoll muniti ta' l-euro għall-kollezzjonisti, pereżempju, f'metalli prezzjużi, imma dawn ikunu valuta legali biss fil-pajjiż fejn ikunu nħarġu u mhumiex maħsuba biex jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni.

Id-deċiżjoni futura tal-Kunsill dwar in-naħat nazzjonali tal-muniti ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni, li għandha tittieħed qabel l-iskadenza tal-moratorium fl-aħħar ta' l-2008, hija waħda importanti ferm li għandha titħejja bl-ikbar attenzjoni. Il-Kummissjoni se tniedi stħarriġ matul l-2007 fost il-popolazzjoni taż-żona ta' l-euro sabiex tiġbor l-opinjonijiet u l-preferenzi tan-nies rigward dan.

---

[4] Minbarra fil-każ fejn jinbidel il-Kap ta' l-Istat li jidher fuq munita.

*Il-muniti ta' l-euro – l-uċuħ komuni*

L-ogħla ħames denominazzjonijiet li, fuq il-parti komuni tagħhom kellhom xbieha tal-mapep ta' l-Ewropa li juru l-pajjiżi ta' l-UE-15 ta' qabel, ġew emendati. Is-Slovenja se tkun l-ewwel pajjiż li se jintroduċi l-muniti bin-naħa l-komuni l-ġdida mill-1 ta' Jannar 2007. Attwalment qed titħejja l-bidla għall-produzzjoni tal-muniti l-ġodda fit-tnax-il pajjiż li kienu l-ewwel li ngħaqdu fiż-żona ta' l-euro. Il-biċċa l-kbira minnhom diġà se jaqilbu għad-disinn il-komuni l-ġdid matul l-2007, bi ftit oħrajn jingħaqdu magħhom sa mhux aktar tard mill-2008.

### 3.3. Il-produzzjoni u l-ħżin tal-karti tal-flus u l-muniti – effiċjenza imtejba

Il-produzzjoni tal-karti tal-flus ta' l-euro hija organizzata fuq bażi deċentralizzata permezz ta' ġbir flimkien (*pooling*) sabiex tiżdied l-effiċjenza billi tintħalaq ekonomija ta' skala kbira. Dan ifisser li l-BĊE jalloka produzzjoni fuq bażi annwali lill-BĊN taż-żona ta' l-euro li biha kull denominazzjoni tiġi prodotta minn għadd limitat ta' stampieri u kull BĊN huwa responsabbli mill-provvista ta' denominazzjoni waħda jew ta' ftit denominazzjonijiet biss. Il-kwantitajiet loġistiċi u l-kwantità strateġika komuni tal-karti tal-flus ta' l-euro, jiġifieri, il-Ħażna Strateġika dwar l-Eurosistema (ESS) għandha tiżgura l-kontinwità fil-provvista tal-karti tal-flus ta' l-euro. Il-kwantitajiet huma, *inter alia*, użati għall-provvista tal-kwantità inizjali tal-karti tal-flus ta' l-euro meħtieġa għall-bidla fl-Istati Membri li se jingħaqdu maż-żona ta' l-euro bħal fil-każ tas-Slovenja fl-1 Jannar 2007. Barra minn hekk, il-BĊE adotta linji gwida biex tiġi stabbilita proċedura unika ta' sejħa għall-offerti għall-Eurosistema kollha (bl-Ingliż, SETP) għall-provvista tal-karti tal-flus li se tibda' sa mhux aktar tard mill-2012.

Il-produzzjoni tal-muniti ta' l-euro hija ta' kompetenza nazzjonali. Peress li d-deċiżjonijiet jittieħdu fuq bażi deċentralizzata, xi wħud mill-benefiċċji u t-titjib fl-effiċjenza li joħorġu mill-ġbir flimkien, b'mod notevoli l-koordinazzjoni fil-produzzjoni u/jew fil-ħżin, jintilfu. Pereżempju, il-qafas attwali ma jippreklidix li ċerti pajjiżi jiddeċiedu li jipproduċu muniti żejda filwaqt li pajjiżi oħra għandhom kwantitajiet żejda ta' l-istess denominazzjoni. Għalhekk jistgħu jiġu eżaminati possibbiltajiet għal titjib, b'mod notevoli rigward l-iżgħar tliet denominazzjonijiet (iċ-ċenteżmu, iż-żewġ u l-ħames ċenteżmi) li kollettivament jirrappreżentaw medja ta' xi 80% tal-produzzjoni tal-muniti l-ġodda. Jiġġeneraw ftit dħul monetarju u l-ispejjeż tal-produzzjoni u spejjeż relatati (trasport, ippakkjar, eċċ) huma għalja meta mqabbla mal-valur propju tagħhom. Peress li, sa ċertu punt, l-eżistenza tan-naħat nazzjonali differenti tikkostitwixxi impediment għall-iskambju jew it-trasferiment ta' kwantitajiet ta' muniti, u possibbilment ukoll għat-titjib fl-effiċjenza tal-produzzjoni bil-massa, xi Stati Membri jistgħu jkunu ppreparati li jipprevedu l-possibbiltà ta' l-użu ta' muniti żgħar b'naħa nazzjonali "standard" biex ikopru parti mill-ħtiġijiet tagħhom għall-iżgħar tliet denominazzjonijiet. Iktar possibbiltajiet biex jinħolqu u/jew biex jiġu sfruttati sinerġiji rigward il-produzzjoni u l-ħżin tal-muniti għandhom jiġu kkunsidrati b'mod notevoli f'kooperazzjoni mal-BĊE sabiex jinkisbu benefiċċji minn l-esperjenza tiegħu f'dan il-qasam.

### 3.4. L-ispejjeż komuni marbuta mas-sistema tal-muniti ta' l-euro

Ċerti elementi tas-sistema tal-muniti ta' l-euro jeħtieġu azzjoni komuni u kkoordinata mill-Istati Membri kollha taż-żona ta' l-euro, b'mod notevoli fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, l-iskambju ta' l-informazzjoni, eċċ. Għal raġunijiet purament prattiċi, jidher li huwa iktar konvenjenti u effiċjenti li jkunu ffinanzjati attivitajiet komuni bħal dawn minn baġit komuni (kif inhu l-każ għall-attivitajiet simili li għandhom x'jaqsmu mal-karti tal-flus ta' l-euro li huma ffinanzjati mill-BĊE), iktar milli jkollu jsir ġbir ta' kontribuzzjonijiet nazzjonali differenti qabel ma jkunu implimentati jew anki previsti miżuri konġunti. Għalhekk għandha

tiġi eżaminata l-possibbiltà li tinħoloq linja baġitarja ta' l-UE speċifika għall-proġetti tal-muniti ta' l-euro u l-attivitajiet ta' interess komuni.

### 3.5. Id-dħul monetarju mill-karti tal-flus u l-muniti ta' l-euro

Il-flus kontanti fiċ-ċirkolazzjoni jikkostitwixxu sors ta' dħul (ġeneralment imsejjaħ dħul monetarju jew dħul magħmul mill-ħruġ tal-flus (*seigniorage*) għall-awtorità li toħroġhom. Fil-każ tal-karti tal-flus ta' l-euro, dan id-dħul jinġabar u sussegwentement jitqassam bejn il-banek ċentrali nazzjonali taż-żona ta' l-euro skond sistema speċifika bbażata fuq il-PGD u l-popolazzjoni ta' kull pajjiż. Is-sitwazzjoni hija differenti għall-muniti ta' l-euro peress li d-dħul (li bejn wieħed u ieħor jikkorrispondi mal-valur propju tal-muniti mingħajr l-ispejjeż għall-produzzjoni u għat-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni) jinġabar minn kull pajjiż li joħroġ il-munita. Dan il-metodu għandu jissodisfa bl-istess mod sakemm ma jkun hemm l-ebda ċaqlieq migratorju "nett" tal-muniti ta' l-euro bejn l-Istati Membri (pereżempju, moviment sistematiku 'il ġewwa jew 'il barra minn ċerti pajjiżi), li jirrikjedi li jiġu previsti ċerti aġġustamenti (speċifiċi u ġenerali) għas-sistema attwali.

### 3.6. Il-qafas għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-iffalsifikar

L-introduzzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti ta' l-euro, li jiċċirkolaw fi tnax-il stat membru u f'għadd ta' pajjiżi terzi, jeħtieġ sforz miftiehem biex il-valuta tkun protetta kontra l-iffalsifikar, li jmur lil hinn mill-ambitu nazzjonali.

Filwaqt illi l-Istati Membri jibqgħu primarjament responsabbli biex jiżguraw il-protezzjoni ta' l-euro, ġiet stabbilita kooperazzjoni tranżnazzjonali biex tappoġġja l-isforzi kontra l-iffalsifikar. Ir-responsabbiltajiet jinqasmu bejn il-Kummissjoni Ewropea/l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), il-BĊE, l-Europol, l-Eurojust u l-Interpol.

Bħala bażi, ġie adottat qafas legali effiċjenti fuq livell Ewropew biex jiżdied il-livell ġenerali ta' protezzjoni u tiġi armonizzata l-leġiżlazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam. Iċ-ċentri nazzjonali ta' l-analiżi tal-flus foloz (NAC) u l-muniti foloz (CNAC) jaħdmu mill-qrib maċ-Ċentru ta' l-Analiżi tal-Falsifikazzjonijiet (CAC) tal-BĊE u ċ-Ċentru Tekniku u Xjentifiku Ewropew (ETSC) tal-Kummissjoni/OLAF biex jidentifikaw, janalizzaw u jirtiraw karti tal-flus u muniti ta' l-euro foloz miċ-ċirkolazzjoni, filwaqt li ntlaħaq ftehim dwar il-miżuri li għandhom jitħejjew u dwar livell xieraq ta' armonizzazzjoni fis-sanzjonijiet kriminali li għandu jintlaħaq.